MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2014

Numru 96/2014

**Il-Pulizija**
**Spettur Pierre Grech**

**vs**

**Francesco Stampa**
**Andrea Siciliano**

Il-Qorti ;

Rat l-akkuza migjuba kontra **Francesco Stampa**, ta’ 17- il sena, iben Gabriele u Adelina Fabiano, imwieled Como (CO) nhar it-13/08/1996, residenti Dino Bartolo Zambon 14, Como (CO), detentur tal-karta tal-identita’ Taljana numru AU1462760;

**Andrea Siciliano,** ta' 16 il-sena **,** iben Corrado u Silvia Querci, imwieled Como (CO), nhar is- 27 /05/1997, residenti Villa Giovio 26 , Como (CO), detentur tal-karta ta' l-identita' Taljana numru AT2019668.

Akkuzati talli f'dawn il-gzejjer, fil-lejl ta' bejn it-30 u l- 31 ta' Marzu 2014:-

Kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal- Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammisjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-1 t'April 2014 ghall-akkuza kif migjuba fil-konfronti taghhom, u kkonfermaw l-ammisjoni taghhom anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Illi ghalhekk fuq l-ammisjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghhom.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huma ghandhom fedina penali nadifa u il-fatt li kien hemm koperazzjoni shiha mill-imputati fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessa u b'applikazzjoni tal-Art 22 tal-Kap 446 tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sena millum.

Il-Qorti tordna Konfiska u distruzzjoni tad-droga mmarkata bhala Dokument PG 1 liema distruzzjoni ghandha ssir taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------